# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404

Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796

E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g


Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba’ Legislatura

Laqgħa Numru 11/2017

2 t’Ottubru 2017

`

Il-Kunsill Lokali ta’ Ħal Safi ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f’40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fit:5:30 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Carlo Stivala | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsillier |
| Publio Abdilla | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Minuti:

11.1 Qari tal-ittri ta’ Apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta' Apoloġija.

11.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

11.2.1 Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew appovati u ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

11.2.2 Is-Sindku qal (ref punt 10.3.2) illi kien iltaqa' mal-kuntrattur tal-knis is-Sur Cedric Valletta sabiex jitkellmu fuq l-ilmenti li kien qajjem l-Viċi Sindku fosthom illi l-bins li hemm fi Triq iż-Żurrieq mhux qed jitbattlu kuljum. Il-Viċi-Sindku ikkonferma illi l-problema ittaffiet mhux ħażin u ssiġerixxa illi għandna nwaħħlu tabelli żgħar ħdejn dawn il-bins sabiex ikun hawn għarfien kif għandhom jintużaw. Is-Sindku qal ukoll illi kien sar qbil mal-kuntrattur li darba fil-ġimgħa l-kennies imur ibattal il-bins li hemm f'Misrah Hlantun.

11.2.3 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward l-STOP Sign li għandha teħel fi Triq San Ġorġ. Il-Kunsill ddiskuta l-problema tas-sewqan u l-parkeġġ li għadu kemm sar fi Triq Qerd in-Naħal.

11.2.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi kienet irċiviet ilment ieħor minħabba l-problema tal-ilma tax-xita fi Triq Qerd-in-Naħal u qalet ukoll illi bħala Kunsill għandna nagħmlu aktar pressjoni sabiex isir xi ħaġa minn naħa ta' Transport Malta sabiex għal anqas tittaffa l-problema.

11.2.5 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv kkonferma illi l-Kunsill kien applika għar-Restawr tal-Faċċata taċ-Centru Parrokjali u għal Għajnuna favur il-Librerija.

11.2.6 Il-Kunsillier s-Sur Publio Abdilla staqsa rigward ref punt 10.2.9 minħabba t-tabella 'Mind the Balcony' pero' d-Deputat Segretarju Eżekuttiv kkonfermat illi konna għadna kemm irċievejna risposta dak in nhar fejn sid id-dar kien qiegħed isaqsi fejn kienet ġejja din it-tabella.

11.2.7 Il-Kunsillier s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-Murial li hemm ħdejn il-bandli (ref punt 10.4.1) suppost ser titlesta sal-aħħar ta' Ottubru għaliex min kien qiegħed jagħmilha kien ser ikun imsiefer.

11.2.8 Il-Kunsillier s-Sur Publio Abdilla staqsa (ref punt 10.3.7) jekk konniex iltqajna ma Transport Malta minħabba l-One Way fi Triq Trejqet Tarsu (fejn kiern hemm il-Berġa l-antika). Is-Sindku kkonferma illi kien iltaqa' mas-Sur Charles Muscat minn naħa ta' Transport Malta fejn kienu ddiskutew din il-proposta. Is-Sindku qal li illi kien spjega lis-Sur Charles Muscat li l-Kunsill għal issa kien qabel illi teħel mera għaliex jekk Triq San Tumas issir One Way xorta t-traffiku ikun iddevjat lejn Triq San Gwann li ukoll hija triq dejqa. Is-Sur Charles Muscat qabel ma din id-deċiżjoni.

11.2.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward id-double yellow lines fi Triq tal-Ajżar u qal illi l-Kunsill għandu joqgħod attent sabiex ma jitnaqqas il-parking.

11.2.10 Is-Sindku għarraf lil Kunsill illi World Clean Up Day kienet saret u rringrazzja lil Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla talli ħadet sehem mal-volontiera.

11.2.11 Is-Sindku qal illi l-Halloween Party (ref punt 10.3.8) kien ikkonfermat illi ser isir nhar il-Ħamis 2 ta' Novembru 2017.

11.2.12 Is-Sindku qal ukoll illi l-Kunsill kien ser jieħu sehem fl'inizjattiva' għal Pink October. Huwa qal illi konna ġa waħħalna l-istickers mal-flood lights li għandna fil-faċċata tal-Binja tal-Kunsill u li l-għada kienet ser tattendi s-Sinjura Michelle Muscat flimkien mal-Membru Parlamentari l-Onorevoli Silvio Parnis. Is-Sindku stieden lil Kunsill kollu sabiex jattendi.

11.2.13 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla staqsiet rigward (punt ref 10.3.2) jekk ħadniex risposta fuq is-sample li ħadu tal-Water Services jekk hux ilma jew dranaġġ. Is-Sindku kkonferma li għadna ma nafux pero' qal illi l-probabilita' hija li huwa dranaġġ għaliex issa kemm il-kappillan kif ukoll Ġemma ukoll qed ixommu r-riħa ta' dranaġġ.

11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

11.3.1 Is-Sindku qal illi kien hemm inizjattiva' minn naħa tad-Dipartiment fejn il-Kunsill kellu jidentifika triq sabiex isirilha t-tarmac u li għal din l-iskema aħna konna applikajna għal Triq San Tumas. Is-Sindku qal illi din kienet inkorporata ma applikazzjoni oħra dik ta' Misura 4.3. Is-Sindku qal li peress illi għadna ma nafux jekk hux ser nieħdu l-fondi sabiex nagħtu t-tarmac fi Triq San Tumas minn din il-Misura, issa sabiex inkunu nistgħu nużaw dawn il-fondi ser ikollna nagħżlu triq oħra mhix twila ħafna sabiex nieħdu l-istima tagħha u nagħtuha t-tarmac. Is-Sindku qal ukoll illi din t-triq trid titlesta sal-aħħar ta' Novembru. Il-Kunsill qabel illi għandna nieħdu stima ta' Triq Ħannuxa u Sqaq il-Palma.

11.3.2 Is-Sindku qal illi kien ikkuntatjah s-Sur Peter Busuttil - PR tal-President għaliex nhar il-Ġimgħa 13 t'Ottubru ser ikun hemm meeting informattiv sabiex isiru tlett ijiem ta' attivitajiet f'kull lokalita' bejn l-ewwel u t-tlieta ta' Diċembru. Minn l-informazzjoni li kellu s'issa s-Sindku qal li waqt dawn it-tlett ijiem ser jinġabru flus għal Malta Community Chest Fund.

11.3.3 Is-Sindku qal illi f'Novembru l-Kunsill għandna żewġ proġetti tal-Erasmus+. Wieħed mill-proġetti ser isir fi Spanja u ieħor l-Estonia. Is-Sindku spjega illi ż-żewġ progetti huma relatati maż-żagħżagħ u l-ispejjeż kollha relatati ma dawn iż-żewġ proġetti huma koperti mill-fondi tal-EU.

11.3.4 Is-Sindku qal illi l-isqaq li hemm li jagħti għal Triq Qerd in-Naħal suppost xi darba jrid jitwessa' e4għalhekk huwa qal illi l-Kunsill għandu jagħmel pressjoni ma Transport Malta sabiex xi darba dan l-isqaq jinfetaħ. Is-Sindku qal ukoll li jkun ta' benefiċċju għaliex it-triq qiegħda tintuża ħafna.

11.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

11.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward ref punt 439 li kienet tirrigwardja fondi tal-Unjoni Ewropeja għal ħitan tas-sejjiegħ. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet skema sabiex individwi japplikaw sabiex jieħdu l-fondi sabiex jirranġaw il-ħitan tas-sejjiegħ fl-iżvilupp rurali.

11.4.2 Il-Viċi-Sindku staqsa rigward ref punt 458 mingħand is-Sur Michael Cohen sabiex ma jingħatawx permessi bejn is-sebgħa u d-disgħa. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet regola ġdida sabiex ma jingħatx permessi f'toroq traffikużi sabiex jitnaqqas it-traffiku.

11.4.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi nhar il-Ħadd 29 t'Ottubru kienet ser torganizza mixja kulturali Binġemma u f'xi għerien.

11.5 Tender Soft Areas

11.5.1 Is-Sindku qal li kien iltaqa' mas-Sindku ta' Ħal Kirkop u ddiskutew it-Tender tas-Soft Areas u qablu illi jekk noħorġu Tender jew Kwotazzjoni flimkien inkunu qiegħdin nassiguraw ruħna illi l-prezz joħroġ anqas għaż-żewġ Kunsilli. Is-Sindku qal ukoll illi aħna bħala Kunsill għandna naqra aktar kobor mill-Kunsill ta' Ħal Kirkop għalhekk il-prezz tagħna ovjament ikun aktar.

11.6 Aġġidukazzjoni tat-tender tal-Bandli

11.6.1 Is-Sindku qal illi fl-aħħar laqgħa konna għaddejna l-kumpaniji li tefgħu l-offerti u l-ammonti li kwotaw għal dan it-tender. Is-Sindku qal illi l-Perit ma kien sab xejn ħażin fl-offerti u r-rati huma kif sejjer ix-xogħol u li nistgħu immorru għall-inqas offerta, jiġifieri dik ta' Projeke Global Limited bil-prezz ta' 45,475 Euros. Is-Sindku qal illi bħal issa konna qiegħdin fl-istadju ta' stand still period li huwa żmien ta' għaxart ijiem sabiex jekk xi ħadd irid jappella jkollu ċ-ċans li jagħmel dan. Wara nkunu nistgħu nħabbru min ser jieħu t-tender.

11.7 Korrispondenza

11.7.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi aħna bħala Kunsill m'għandnix Fixed Asset Register u li mis-sena d-dieħla l-Kunsilli kollha ser ikunu obligati sabiex jinġabru l-assi kollha b'kategorija kategorija u kulħadd jibda fresh line sabiex il-Kunsilli kollha jkunu konformi. Id-Deputat Segretarju spjegat illi l-accountant kienet ser tagħmel dan bħala xogħol extra, u li ma konniex f'pożizzjoni li ngħidu kemm ser jiswa għalissa dan ix-xogħol.

11.7.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għarrfet lil Kunsill illi l-elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li kienet ser issir nhar is-Sibt 14 t'Ottubru 2017 ma kinitx ser issir għaliex kull vakanza saret nominazzjoni waħda biss.

11.7.3 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi konna rċivejna talba mingħand Transport Malta sabiex quddiem 14 Frida Triq ta' Gawhar issir reserved parking bay. Il-Kunsill qabel illi għandna niktbu lil Transport Malta fejn ngħidu illi din il-familja diga' għandha loading/unloading bay quddiem il-ħanut u għalhekk għandha tagħżel jekk tridx Keep Clear jew inkella Loading/unloading sabiex ma jkunx hemm żewġ parking bays ħdejn xulxin għall-istess familja.

11.7.4 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll illi kienet bagħtet e-mail mingħand Daniel Ciappara rigward ir-riformi fil-Kunsilli Lokali. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi min għandu xi suggeriment sabiex jinbidel u jitjieb fi ħdan l-operat tal-Kunsill Lokali għandu jibgħat lilha sabiex imbagħad hija tibgħathom f'daqqa bħala Kunsill.

11.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

11.9 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fis-7.11pm. Laqgħa li jmiss ser tkun it-Tnejn 30 t'Ottubru 2017 fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |